

Brussell, 6 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13416/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0337 (NLE)

ENV 679
COMER 101
MI 748
ONU 91

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni tal-linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, apparti l-iskart tal-merkurju, imsemmija fl- Artikolu 10(2) u (3) tal-Konvenzjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fit-tieni laqgħa tal-Konferenza
tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Mercurju
b'rabta mal-adozzjoni tal-linji gwida
dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju,
apparti l-iskart tal-merkurju, imsemmija
fl- Artikolu 10(2) u (3) tal-Konvenzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Mercurju ('il-Konvenzjoni') ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939¹ u daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017.
- (2) Skont id-Deċiżjoni MC-1/1 dwar ir-regoli ta' proċedura adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni fl-ewwel laqgħa tagħha, il-Partijiet iridu jagħmlu kull sforz biex jilħqu ftehim b'kunsens dwar il-materji kollha ta' sustanza.
- (3) Waqt it-tieni laqgħa tagħha mid-19 sat-23 ta' Novembru 2018, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni trid tadotta linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-mercurju, apparti l-iskart tal-mercurju. (il-'linji gwida').
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-]Konvenzjoni, billi l-linji gwida ser ikollhom effetti legali peress illi l-Partijiet għall-Konvenzjoni jridu jqisu dawn il-linji gwida meta jkunu qed jieħdu miżuri b'rabta mal-ħażna temporanja.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Mercurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

- (5) L-Unjoni kkontribwixxiet għar-reviżjoni tal-abbozz tal-linji gwida fil-qafas tal-ħidma intersessjonali tal-esperti li tnediet bid-Deċiżjoni MC-1/18, li gieadottat mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni fl-ewwel laqgħa tagħha. L-Unjoni ma qisix li kien neċessarju li jiġu proposti aktar emendi għall-abbozz rivedut tal-linji gwida li jirriżultaw minn dik il-ħidma intersessjonali.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu, huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni, kif ikkomplementat mill-abbozz rivedut tal-linji gwida .
- (7) Għaldaqstant, l-abbozz rivedut tal-linji gwida jenħtieġ li jiġi appoġġat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fit-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Mercurju ('COP2') għandha tkun biex tappoġġa l-adozzjoni tal-linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-mercurju, apparti l-iskart tal-mercurju, imsemmija fl-Artikolu 10 (2) u (3) tal-Konvenzjoni, kif jinsabu fid-dokumenti ppreżentati għall-adozzjoni f'COP 2.

Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet żgħar għad-dokumenti msemmija fl-ewwel paragrafu, fid-dawl tal-iżviluppi f'COP 2, mir-rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
